**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 298 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Jonathan Hili**

Illum, 4 ta' Mejju. 2021.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jonathan Hili detentur tal-karta ta' l-identita 259694 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

*Nhar id-9 ta' Lulju, 2016, ghal habta tas-6.45 ta' filghodu, fi Triq il-Marfa, l-Mellieha;*

1) *Waqt illi kien qieghed jsuq vettura tal-ghamla Toyota Passo, bin-numru tar-Registrazzjoni KBT 612, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Andrea Debattista bi ksur tal-Artikolu 225 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*
2) *U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, imsemmija qabel saq il-vettura tal-marka Toyota Passo, b' nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b# mod perikoluz u dan bi ksur ta' Artikolu 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti giet gentilment mitluba li f' kaz ta' htija tiskwalifika kull licenzja ta' sewqan ta' Jonathan Hili ghal perjodu ta' zmien li jidhrilha xieraq.*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Dicembru, 2020, fejn il-Qorti li rat l-Artikolu 225 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 15 (1) (a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u ikkundanntu ghall-tnax il-xahar prigunerija, illi b' applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghall-perjodu ta' tlett snin.

Inoltre' ai termini tal-Artikolu 15 (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti skwalifikat lill-imputat minn kull licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' sitt xhur dekorribbli mill-llum.

Finalment b' applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-imputat ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €2,956.56 rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x' jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

Rat ir-rikors tal-appellanti Jonathan Hili minnu pprezentat fit-28 ta' Dicembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Dicembru 2020 per Magistrat Dr. A. M. Grima fejn sabet htija tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-esponent u konsegwentement tillibera lill-esponent minn kull htija u piena, jew, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sentenza appellata,

tirriformaha u tvarjha in kwantu ghall-piena inflitta billi minflok il-piena inflitta tissostitwixxi ghall-istess piena, piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat illi l-aggravji tal-esponenti jikkonsistu fis-segwenti:

i. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet li l-esponent kellu jgorr reponsabbilità kriminali tal-akkuzi dedotti kontrih u dan partikolarment in vista ta' apprezzament zbaljata ta' x'tikkostitwixxi *culpa* fil-gurisprudenza nostrana;

ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-piena nflitta hi eccessiva meta jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

***L-Ewwel Aggravju – Mertu***

1. Illi l-ewwel aggravju tal-esponent huwa li meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, imbaghad dawn jigi meqjusa fil-kuntest tal-gurisprudenza vasta li hemm dwar kazijiet simili, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex issib lill-esponent hati u kellha minflok tilliberah mill-akkuzi dedotti kontrih.

2. Illi l-esponent jifhem li dan l-aggravju huwa essenzjalment dwar l-apprezzament tal-provi, u ghalhekk japprezza li hemm gurisprudenza kostanti ta' din l-Onorabbli Qorti bhala qorti ta' revizjoni. Madankollu izda, l-esponent xorta wahda jikkontendi li l-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kienux korretti u ghalhekk jisthoqq li jigu revizi. L-esponent izid ukoll, li bhala stat ta' fatt l-Ewwel Onorabbli Qorti effettivament bilkemm kienet semghet il-provi ta' dan il-kaz, u dan mhux sempliciment ghaliex kien hemm bidla fil-Magistrat sedenti, izda ghaliex il-maggor parti tal-provi migjuba f'dawn il-proceduri filfatt kienu dawk il-provi u xhieda kumpilati fl-inkjesta li skattat b'rizultat ta' dan l-incident.

3. Illi tenut kont is-suespost, jista' jibda jigi indirizzat il-mertu ta' dan l-appell. Wara riassunt tax-xhieda u provi li ngiebu f'dan il-kaz, l-Ewwel Onorabbli Qorti ccitat numru ta' sentenzi li jittrattaw incidenti simili ghal dak odjern. Sussegwentement, l-Ewwel Onorabbli Qorti pprocediet bil-konkluzjonijiet taghha. Effettivament, dawn il-konkluzjonijiet huma fejn gie deciz il-kaz.

4. Illi l-ewwel osservazzjoni maghmula kienet li l-esponent kien qieghed isuq ma' sbieh ix-xemx, "*bejn dlam u dawl*" u li ghalhekk, kien hemm bzonn li l-esponent isuq b'aktar attenzjoni minhabba dawn il-konkluzjonijiet. Dwar dan il-punt, jigi rilevat li mkien fix-xhieda ma gie implikat li l-esponent kien f'dan il-mument mhux attent fis-sewqan tieghu. *Di fatti*, il-fatt li l-esponent kien kapaci josserva l-fatt – li sussegwentement ftakar isemmi fix-xhieda tieghu – li d-dawl tal-Gvern kien intefa' u li kien tal-fehma li dan intefa' pjuttost malajr huwa indikattiv tal-fatt li l-esponent kien attent hafna ghall-kundizzjonijiet tat-triq u ghall-perikoli li jingieb in-nuqqas ta' dawl fis-sewqan.

5. Illi t-tieni osservazzjoni maghmula mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet li:

> *"…it-triq fejn sar is-sinistru kienet vojtu u allura ma kien hemm xejn li jirrestringi lill-imputat sabiex isuq fuq il-karregjata l-ohra u jevita s-sinistru, stante li kif xehed hu stess meta mistoqsi jekk kienx hemm traffiku, qal "Le ma kienx hemm"*

6. Illi bid-dovut rispett, l-esponent ma jistax jifhem dan l-argument u anke l-mod ta' kif gie fformulat dan il-paragrafu bhal donnu qed jigi argumentat "*l-incident seta' jigi evitat kieku gie evitat.*" L-argument hu li t-triq kienet votja – ma kienx qieghed jghaddi traffiku dak il-hin – u li ghalhekk l-esponent seta' facilment isuq fuq il-karreggjata l-ohra (jew ahjar, l-*outer lane* tat-triq); li kieku saq f'dik l-*outer lane* kien jigi evitat l-incident u ladarba ma kienx qieghed isuq fiha meta sehh l-incident mela l-esponent ghandu tort f'dan l-incident.

Il-fatt hu li l-esponent kien qighed korrettement isuq fil-karreggjata tieghu, kif inhu mistenni. Il-*Highway Code* jaghti struzzjonijiet specifici li l-esponent kien osserva:

> ***162.*** *Where the carriageway is marked out by means of white lines, abide by such lines.*
>
> ***163.*** *Never straddle or cross continuous white dividers, whether double or single, except in the following circumstances and only when it is safe to do so:*
>
> *• to reach adjoining premises, unless there is a 'No Right Turn' sign prohibiting the turn.*
>
> *• to enter a side road unless there is a 'No Right Turn' sign prohibiting the turn.*
>
> ***164.*** *Broken white lines divide the carriageway into lanes and may be crossed with proper caution and after due notice to other traffic.*
>
> ***167.*** *Keep well within the traffic lanes. Do not drive over or astride the white lines.*
>
> ***168.*** *Do not keep changing lanes. You **MUST** use the inner (i.e. left-hand) lane, except when overtaking or turning right. Signal in good time your intention to change lane after making sure that it is safe to do so.*
>
> ***169.*** *Unless there is an emergency do not stop or park in the outside lane/s of a multi-lane carriageway. Do not remain in the outer lanes of a multi-lane carriageway for longer than is necessary unless you wish to turn to the right and to change to an inner lane would inhibit traffic wishing to continue straight ahead or turn left.*

Matul is-sewqan kul sewwieq huwa mistenni li joqghod attent u jagixxi skond ic-cirkostanzi li javveraw ruhhom. Li mhuwiex mistenni mis-sewwieqa huwa li jkunu omnixjenti u li jsuqu b'mod u manjiera fejn ma jkollhom bzonn jirreagixxu ghal xejn ghaliex huma kapaci jaqraw il-futur kif donnha qed tippretendi l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Finalment, l-esponent ma jistax ma josservax li b'dan it-tip ta' ragunament, li kieku ipotetikament l-incident kien sehh fl-*outer lane*, l-esponent kien jigi mcanfar u kkastigat talli ma kienx qieghed isuq fl-*inner lane* kif suppost.

7. Illi t-tielet u r-raba' paragrafi jirrelataw ghax-xhieda moghtija mill-esponent. Fit-tielet paragrafu jinghad li l-esponent ma kienx *aware of his surroundings* filwaqt li fir-raba' paragrafu jigi argumentat li ma hax il-prekawzjonijiet necessarji. *Di più*, l-Ewwel Onorabbli Qorti osservat li kien hemm inkonsistenzi bejn ix-xhieda moghtija quddiemha (tat-tielet paragrafu) u dik moghtija fl-inkjesta (tar-raba' paragrafu).

8. Illi dwar dan l-ahhar punt, ma jistax ma jigix osservat li x-xhieda guramentata tal-esponent fl-inkjesta nghatat fis-27 ta' Lulju 2016 – gimghatejn wara l-incident – filwaqt li x-xhieda moghtija f'dawn il-proceduri nghatat fl-24 ta' Jannar 2019, 'l fuq minn sentejn u nofs wara. Il-probabiltà hi li x-xhieda moghtija gimghatejn wara hi aktar riflessjoni tal-verità, milli dik moghtija wara sentejn u nofs wara.

9. Illi l-verzjonijiet moghtija fl-inkjesta magisterjali jindikaw li l-incident sehh ghaliex il-vittma ghamel manuvra inaspettata u li kkrejat *emergenza subitanea.* Fl-inkesjta magisterjali, l-esponent xehed:

> *Xhud:* *Ma nafx, kieku naf nghidlek bil-qalb kollha imma verament ma nafx. Kien hemm dawra zghira, rajt zewg (2) min-nies mexjin, nahseb li huma, mux nahseb, imma l-vittma u t-tifla tieghu. Bqajt insuq normali, bl-istess speed, kien hemm sigra taghti naqra l'barra, jigifieri s-sigra kienet goffa naqra mhux*

*hazin,* ***it-tifla harget minn tahtha u s-sinjur, Alla jahfirlu harigli f'daqqa. Dak il-hin***

*[…]*

*Qorti: Kienu fid-direzzjoni tieghek? Telghin il-fuq? Mexjin it-triq tac-Cirkewwa? Fid-direzzjoni tat-triq tac-Cirkewwa?*

*Xhud:* ***F'daqqa wahda, ragel harigli, dak il-hin, lili hasadni, jien hadt qatgha u dawwart nigri l-isteering, kemm kelli sahha, il-karozza ergajt nipprova ngibha fl-slow lane, ghax spiccajt fuq il-fast lane jiena.*** *Waqaft wara ftit, jigifieri waqqaft il-karozza bil-mod, rajt jekk siehbi ghandux xi haga.*

*[…]*

*Xhud: It-tifla harget minn hawn that, ir-ragel hareg hawn barra, hasadni.*

*[…]*

*Xhud: It-tifla harget minn hawn taht u r-ragel hareg il-barra biex jevita dan iz-zokk hawnhekk. Hawnhekk hawn zokk kif qed tarah. Ovvjament lili hasadni ghax ma harigx sewwa, lili hasadni, jien dawwart nigri l-isteering biex nevitah ghax jiena lilu ma ridtx noqtlu.*

*Pros: Jigifieri t-tifla, ghaddiet minn taht hawnhekk? Minn taht din il-parti tas-sigra. Jew nofs arkata biex niftehmu. U r-ragel fejn hareg?*

*Xhud:* ***Hareg il-barra, biex jevitaha****.*

*Pros:* *Sa fejn hareg?*

*Xhud:* *Ma nafx. Onestament dak il-hin, x'hin bdejt narah hiereg il-barra, jiena naf zgur li dawwar l-isteering nigri biex nevitah.*

10. Illi x-xhieda moghtija mill-esponent konsistentement turi li kien ra lil Andrea Debattista u bintu. Ma jistax jinghad li ma kienx qieghed izomm *a proper lookout*. L-incident sehh ghaliex filwaqt li t-tifla kienet ghaddiet minn taht is-sigra, il-vittma ghazel li johrog ghal barra fit-triq fejn kien qieghed isuq l-esponent.

11. Illi b'mod simili xehed il-passiggier, **Christian Borg:**

*Qorti:* *Issa intom kontu dik in-naha, imbaghad?*

*Xhud:* *Imbaghad* ***f'daqqa wahda*** *tfacca quddiemna dawn, ma nafx kif jigifieri.*

12. Illi dan l-argument huwa msahhah meta wiehed jaqra r-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina. Huwa notevoli kif fis-sentenza stess, l-Ewwel Onorabbli Qorti ssintesizzat dan (p. 7 tas-sentenza):

> *"l-impatt bejn il-vettura ta' l-imputat u l-vittma sehh fejn kien hemm is-sigar jisporgu sew ghal fuq it-triq u ma kienx hemm bankina izda hemm spazju ta' parkegg delinjat b'linja bajda. Il-vettura kienet qieghda tinsaq f'cirka nofs il-karreggjata ta' gewwa* ***u fil-fehma ta' l-Espert ma rrizultax illi l-vittma kien waqaf u hares lura biex jara setghax johrog il-barra mill-passagg tieghu li kien ostakolat bis-sigar****."*

13. Illi dan il-punt, li l-vittma kien qabad jimxi fit-triq tirrizulta mir-rapport tal-Inginier Jean Paul Azzopardi fejn ikonkluda (a fol. 421):

*Għaldaqstant, is-sottoskritt huwa tal-fehma li Debattista kien miexi 'l barra mil-linja bajda li tindika t-tarf tal-karreġġjata.*

14. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti argumentat li l-esponent ma ħax il-prekawzjonijiet neċessarji sabiex jevita li jolqot lill-vittma meta tqis il-kundizzjoni tat-triq. Għalkemm mhux espressament dikjarat, jidher li l-Ewwel Onorabbli Qorti qed tikkondividi l-argument tal-Inġinier Jean Paul Azzopardi fejn qal:

> *"Is-sottoskritt huwa ta' l-opinjoni li Hili kien qed isuq il-vettura bil-veloċità xierqa. Hili naqas mill-obbligu li jadatta s-sewqan tiegħu għaċ-ċirkostanza u kundizzjoni tat-triq, billi jaġġusta l-pożizzjoni tiegħu għal waħda addattata fuq il-karreġġjata minħabba li kien hemm is-sigar jinvadu mhux biss iż-żona mil-linja l-bajda l-ġewwa iżda wkoll f'xi partijiet il-karreġġjata innifisa."*

15. Illi l-ewwelnett, l-esponent ma jistax ma josservax illi l-Inġinier Azzopardi u l-Perit Aquilina mhumiex jaqblu fuq id-dinamika u l-kawża tal-inċident. L-inġinier jinnota li l-esponent kien qiegħed isuq b'veloċità normali u adatta għat-triq, iżda jargumenta li l-esponent kellu jaġġusta l-pożizzjoni tiegħu. Madankollu, kif diġà rajna, il-konklużjonijiet tal-Perit Aquilina huma li l-vittma, mingħajr ma vverifika jekk kienux ġejjin karozzi, qabad u ħareġ barra għal fuq it-triq. L-argument tal-Perit Aquilina huwa li l-vittma kien effettivament ikkreja *emergenza subitanea,* filwaqt li l-Inġinier Azzopardi qed jgħid li ma kienx hemm din l-*emergenza*, billi l-esponent seta' – dejjem fil-fehma tal-Inġinier – jaġġusta l-pożizzjoni tal-vettura tiegħu. Dan il-kuntrast bejn l-esperti huwa notevoli u ma jistax jiġi skartat; il-konklużjonijiet tagħhom huma differenti u kunfliġġenti u għaldaqstant, fil-kamp penali, id-dubju li nħoloq għandu jmur favur l-esponent u cioè li l-konklużjoni tal-Perit Aquilina għandha tapplika.

16. Illi fit-tieni nett, jidher li l-argument kollu tal-Inġinier – li mhuwiex kompitu tiegħu li jiddikjara x'kellu jagħmel l-esponent iżda sempliċiment jirrikrea d-

dinamika tal-incident – u tal-Ewwel Onorabbli Qorti huwa li minhabba s-sigar fl-akwati, l-esponent kellu jvarja l-posizzjoni tieghu fit-triq.

17. Illi bid-dovut rispett, il-"*problema*" li holqu s-sigar fil-post kienet amplifikata zzejjed f'dawn il-proceduri. Kjarament jirrizulta li ma kienitx qed issir manutenzjoni tajba tas-sigar fuq il-post (u dan apparti t-*traffic lights* li trangaw jumejn wara l-incident), izda ma tridx tittiehed din l-impressjoni zbaljata li kien hemm weraq u zokkijiet f'nofs tat-triq. Riferenza tista' ssir ghar-ritratti esebiti mill-esponent stess, ir-ritratti ta' PC 650 Justina Tabone u anke whud mir-ritratti tat-tabib Dr. Mario Scerri.

18. Illi dawn ir-ritratti lkoll juru li s-sigar u xtieli li kien hemm fil-post kellhom bzonn li jinzabru. Madankollu, certament ma kienux sal-estremità li donnu qieghed jigi suggerit li biex wiehed jevitahom ghandu jsuq fil-karreggjata l-ohra (l-*outer lane*) jew li jsuq f'nofs tat-triq kif qed jissuggerixxi l-Inginier Azzopardi. Kienu kemmxejn ta' ostaklu ghal dak li jkun miexi, però mhux li jaghmlu l-mixi impossibbli. *Di fatti*, it-tifla tal-vittma facilment imxiet tahthom, u ma hemm xejn li jindika li l-vittma ma setghax jaghmel l-istess hu. Fi kwalunkwe kaz izda, ma jistax jigi serjement argumentat li iz-zkuk u weraq li kien hemm kienu jirrikjedu sewqan fuq karregjata ohra. Konsegwentement, il-konkluzjoni li l-esponent ma hax il-prekawzjoni necessarji mhiex wahda bbazata fuq ir-raguni.

19. Illi dan kien incident tragiku li halla impatt fuq hafna persuni. Madankollu, kjarament jirrizulta li dan l-incident kien esklussivament tort tal-vittma meta holoq *emergenza subitanea* ghall-esponent waqt is-sewqan tieghu. L-esponent kien qieghed jobdi r-regoli tal-*Highway Code*, kawt fis-sewqan tieghu, konoxxenti ta' min kien fit-triq u l-kundizzjoni tat-triq. L-incident sehh ghaliex waqt dan kollu, il-vittma hareg fit-triq meta ma kellux ghaliex, holoq emergenza u minkejja r-reazzjoni istantanea tal-esponent, xorta wahda sfortunatament sehh impatt. L-esponent kien qieghed isuq b'mod ragjonevoli u *in linea* ma' dak mistenni minn sewwieq ordinarju, liema obbligi ma jirrikjedux diligenza straordinarja jew l-abbiltà li jaqra l-futur. Huwa ghalhekk

li riferenza ssir ghas-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Dorianne Camilleri</u>**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fit-28 ta' Frar 2018:

> *"…ghandu johrog illi sabiex is-sewwieq ikun ezentat minn kwalunkwe responsabbilta ghall-investiment ta' persuna, irid ikun hemm prova cara ta'l-hekk imsejjha 'emergenza subitanea' li tinholoq mill-pedestrian meta jiddeciedi li jaqsam it-triq, emergenza li tpoggi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh. U allura hawn fejn jidhol il-grad tal-culpa tas-sewwieq ghal event dannuz u jekk allura jistax jigi ezentat mir-responsabbilta:*
>
> *"In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:*
>
> *1. la volontarieta dell'atto;*
>
> *2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*
>
> *3. la possibilita di prevedere.*
>
> *Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi.* ***Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija.*** *(vide Il-Pulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali)"*

20. Illi apparti minn hekk, riferenza ssir ghas-sentenza citata mill-Ewwel Onorabbli Qorti tal-Corte di Cassazione Taljana (p. 20 tas-sentenza) fejn dik il-Qorti kienet iddikjarat li tort imputabbli esklussivament lill-*pedestrian* jirrizulta jekk jikkonkorru s-segwenti:

i. *"Che il conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilità di avvistara il pedone e di osservame tempestivamente i movimenti;*

ii. *Che i movimenti del pedone siano così rapidi e inattesi da farlo convergere all'improvviso sulla traiettoria del veicolo;*

iii. *Che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di commune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente.*

21. Illi fl-umli fehma tal-esponent, dawn it-tlett kundizzjonijiet kollha javveraw ruhhom f'dan il-kaz. L-esponent kien attent u qed isuq b'diligenza mistennija, u kien il-vittma, bl-azzjonijiet tieghu, li kkrea dan l-incident. Dan mhuwiex kaz bhal tant kazijiet citati mill-Ewwel Onorabbli Qorti li l-vittma kien vicin ta' *pedestrian crossing* u li minhabba xi nuqqas tal-esponent fis-sewqan tieghu kien sehh l-incident. Dan kien incident li sehh ma' genb ta' triq minhabba l-manuvra inaspettata u inaspettabbli tal-vittma.

22. Illi huwa ghalhekk li l-esponent umilment jissottometti li l-akkuzi dedotti kontrih ma jirrizultawx u konsegwentement ghandu jigi liberat minnhom.

***<u>It-Tieni Aggravju – Piena</u>***

23. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-eventwalità li din l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sejbien tal-htija fil-konfront tal-esponent, l-esponent xorta jissottometti li l-piena erogata, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ghanda tkun wahda aktar mita. Fis-sentenza appellata, l-esponent kien ikkundannat ghal tnax-il xahar (12) prigunerija, illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghall-perjodu ta' tlett (3) snin.

24. Illi jibda billi jinghad li l-piena kkontemplata fl-Artikolu 225 tal-Kap. 9 hi dik ta' prigunerija ta' mhux izjed minn erba' snin jew multa ta' mhux izjed minn hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmi (€11,646.87). Intant, il-piena kkontemplata mill-Artikolu 15 (1) (a) tal-Kap. 65 fiz-zmien meta sehh ir-reat kienet multa ta' mhux izjed minn mitejn tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmi (€232.94) jew ta' prigunerija ta' mhux izjed minn tlett xhur.[1]

25. Illi l-ewwelnett, mill-provi migjuba kjarament jirrizulta li anke jekk din l-Onorabbli Qorti tikkonkludi li l-esponent kellu xi tort f'dan kollu, it-tort ma jistax jigi addebitat esklussivament lilu. Il-vittma kien ikkontribwixxa b'mod sinifikanti ghal dan l-akkadut. Apparti minn hekk, gie osservat ukoll li n-nuqqas ta' manutenzjoni mill-awtoritajiet responsabbli ghal din it-triq ukoll ikkontribwixxa ghal dan l-incident.

26. Illi fit-tieninett, kjarament jirrizulta mix-xhieda tal-esponent, minn ta' missieru kif ukoll mill-psikologu Dr. Paul Sciberras li l-esponent sofra hafna psikologikament minn dan l-incident. Lil hinn minn kwalunkwe konsiderazzjoni legali, l-esponent ghandu sens kbir ta' *guilt* f'dan kollu, ibaghti minn *post-traumatic stress disorder* u regolarment ikollu *flashbacks* tal-incident.

27. Illi f'kazijiet aktar serji minn dak odjern, il-piena moghtija kienet aktar mita. Ghal dan l-ghan, l-esponent qed jirreferi ghas-segwenti:

    i. <u>Il-Pulizija vs. Jeremy Cilia,</u> Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (JM) moghtija fis-26 ta' Lulju 2017. Vittma kien Jesmond Scicluna u l-Qorti rrimarkat: '*Il-vittma kien qed isuq fit-triq principali b'velocità ferm aktar milli jippermettu r-regolarmenti tas-sewqan. […] Illi l-vittma kien qed isuq il-mutur tieghu b'velocità gholja ta' 101 kilometru fis-siegha u l-imputat hareg minn triq sekondarja ghal triq principali minghajr il-kawteli dovuti*' Kien ghalhekk li kkundannat l-imputat ihallas

[1] Illum il-gurnata, bl-emendi tal-Att XIV tal-2017, il-piena li tista' tinghata hija ta' multa' ta' elf u mitejn Ewro (€1,200) jew prigunerija ta' mhux izjed minn sena.

multa ta' hamest elef Ewro (€5,000), ordni ta' servizz fil-komunità ta' erba' mija u tmenin (480) siegha, ebda konfiskazzjoni tal-vettura, skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sentejn.

ii. Il-Pulizija vs. Clive Tanti, Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (JM), moghtija fil-15 ta' Dicembru 2016. Vittma kien Michael Sciberras. Il-Qorti osservat li l-imputat kien qed isuq b'velocità ta' 'l fuq minn mija u erbghin kilometri fis-siegha (140 kph) filwaqt li l-vittma kien qed isuq b'velocità ta' mija u sitta u ghoxrin kilometri fis-siegha (126 kph). Il-Qorti kkundannat l-imputat ihallas multa ta' hamest elef Ewro (€5,000) u ordnat li jaghmel erba' mija u tmenin (480) siegha xoghol fil-komunità.

iii. Il-Pulizija vs. Joseph Schembri, Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (JM), moghtija fil-5 ta' April 2016. Vittma kien Salvatore Galea. Il-Qorti osservat illi: '*Fic-cirkostanzi partikolari, Schembri ma seta' qatt jipprevedi li Galea kien se jaqbad u jinvadilu l-karreggjata*.' Kien ghalhekk li l-Qorti kkundannat lill-imputat ihallas multa ta' erbat elef Ewro (€4,000) u skwalifikat il-licenzja tas-sewqan ghal tlett xhur.

28. Illi l-esponent jifhem li s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu hi wahda fil-parametri tal-Ligi, izda madankollu umilment jissottometti li meta jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom l-element kontributorju tal-vittma u tal-awtoritajiet, il-hsara kbira psikologika li saret lill-esponent, il-fatt li l-esponent b'ebda mod ma hu propens ghall-kriminalità u l-gurisprudenza hawn fuq citata, hemm lok li l-piena moghtija tigi ridotta.

Semghet il-partijet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-13 ta' April, 2021 fejn in segwitu l-partijet talbu lil din l-Onorabbli Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat,

Fl-ewwel lok jinghad li l-appellant fl-aggravju tieghu isostni li l-ewwel Qorti ma ghamltix apprezzament tajjeb tal-provi akkweziti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-

Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "*inter alia*" l-Appell Kriminali : **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[2]; **Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**[3]"; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **R. v. Cooper**[6] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza **s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act,** 1968) :-

"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."[7]

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet :**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[8], inghad illi :-

---

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991
[6] ([1969] 1 QB 276
[7] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il -1 ta' Dicembru, 1994

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Illi ghalhekk din l-Onorabbli Qorti sejra taghmel ezami akkurat u approfondit tal-provi prodotti bil-ghan biex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx tasal ghal gudizzju maghmul minnha a bazi tal-provi kompilati quddiemha.

Ikkunsidrat.

**WPS 148 Denise Camilleri xehdet** nhar il-15 ta' Marzu, 2018 u spjegat illi nhar id-9 ta' Lulju, 2016 ghall-habta tas-6.30 a.m dahlet telefonata gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra mill-control room tal-pulizija fejn gew infurmati illi gewwa l-Ghadira kien hemm persuna li kienet ghadha kif ittajret b'karozza. Wara ftit tal-hin irceviet telefonata ohra fejn giet infurmata li l-persuna li kienet ittajret kienet mietet. Mill-

Mellieha nizel fuq il-post PC 109 u dan kien qed jitkellem max-xuffier tal-vettura u dak il-hin ghaddiet vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni FBB 632 li habtet fil-vettura li kienet involuta fl-incident.

Hija marret fuq il-post u ghamlet l-investigazzjoni taghha u irrizultalha li l-appellant kien ix-xuffier tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBT 612. Irrizultalha li meta tajjar lil persuna dan saq aktar 'l fuq u waqaf hdejn ic-cenral strip int u sejjer lejn ic Cirkewwa. Faccata tal- Costa el Sol fuq l-karregjata ta' gewwa kien hemm il-katavru. Fuq il-post kien hemm ukoll il-kugin tal-vitma certu Joseph Busuttil li kien qieghed jghix f'caravan fil-vicin flimkien mal-vitma u l-familji taghhom.

Meta hija tkelmet ma dan Busuttil dan stqar li sema it-tifla twerzaq u peress li huma kienu camping faccata ittawwal u ra lil vitma Andrea Debattista ma l-art. Mar jigri u it-tifla qaltlu li filli kien hdejha l-papa u filli ma ratux izjed. Qallha li huma kienu ser jaqsmu skond ma qaltlu t-tifla. Dak il-hin kien ghaddej tabib u waqaf jghati l-ghajnuna u ccertfika lil Andrea Debattista bhala mejjet.

Fuq il-post gie mtikellem ukoll Brizio Muscat, ix-xuffier tal-vettura FBB 632 li dahal fil-vettura tal-appellant. Dan qal li kien ghaddej sejjer lejn ic-Cirkewwa fuq il-lane ta' gewwa ra persuna ma l-art u qabez ghal fuq il-lane l-ohra biex ma jolqotx il-vitma. Fuq in-naha l-ohra tat-triq ra ragel jippanikja u ghalhekk qasam ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq biex jevita li jtajjar lilu u spicca habat go fih. Qal li din il-persuna dehret li kienet taht shock kbir. Kien ippanikjat. Dak il-hin gab lizar u ghatta l-vitma.

Dak il-hin giet infurmata l-Magistrat ta' l-ghassa u infehet inkjesta. Spjegat li l-vettura tal-appellant giet mehuda il-garage tal-pulizija permezz tal-*low loader* u l-katavru ta' Andre Debattista gie mehud fil-kamra mortwarja ta'l-Isptar permezz ta' *hearse.*

Qalet li meta tkelmet mal-appellant dan deher taht xokk u beda jghid li kien ghadu kemm telaq it-tfajla u kien inkwetat ghaliha ghaliex kellha cancer kif kellu huh ukoll. Beda il-hin kollu jghid li kien 'sorry'. Beda jitrieghed waqt li beda jitkellem.

In kontro esami tghid li t-tifla intlaqtet bil-mera tal-appellant f'idejha pero certfikati medici m'ghandhiex. Spjegat li l-appellant kien qallha li kien tielgha Ta' Pinu Ghawdex biex jitlob flimkien ma Christian Borg. Mistoqsi jekk kelmitux tghid li le ghalkemm tghid li kien hemm inkejsta miftuha u setgha xehed fiha. Hija esebiet l-

okkorenza li giet markata bhal dok DC1[9], certfikat tal-mewt ta' Andrea Debattista li gie markat bhal dok GS1.[10]

Rat il-verbal tal-1 ta' Novembru, 2018[11] fejn id-difiza ezentat l-prosekuzzjoni mill-htiega li terga tressaq lill-persuni li xehdu fl-atti tal-inkjesta biex jixhdu viva voce.

L-Magistrat Inkwirenti semghet ix-xhieda tal-minuri **Rachel Debattista** izda mhux taht gurament stante li kienet tal-fehma li l-minuri ma fehmitx l-import tal-gurament. Qalet li dakinhar tal-incident hija kienet camping f'tent mal-familja taghha u dak in-nhar filghodu kmieni kienet qamet ma missierha. Tghid li x-xemx kienet gja telghet u missierha hadha taghmel toilet in-naha l-ohra tat-triq fejn hemm is-sigar. Tghid li kienu mixjin f'line. Murija l-pjanta redatta mill-Perit Richard Aquilina nominat mill-Magistrat ghal dan il-ghan hija indikat fejn kienu l-*caravans*, u fil-fatt kitbet il-kelma *'caravans'* bl-ahmar.

Tghid li qasmu it-triq principali minn fejn jghaddu l-karozzi u mxew lejn il-lemin. Tghid li imbaghad mxew lura lejn il-*Caravans* fuq in-naha l-ohra tat-triq fejn hemm in-numri fuq il-pjanta dok. RA1. Tghid li missierha kien fuq n-naha ta' barra tat-triq. Lahqu imxew xi ghaxar passi qabel ma sehh l-accident. Qalet li ma kienitx qed thares lejn missierha. Tghid pero li l-vettura li laqtet lil misseriha ma missiethiex. Tghid li ghaddiet *gas down* min maghha. Qalet li lanqas indunat li l-karozza kienet tajret lil missierha u lanqas ma semghet xi hoss. Qalet li ma semghet xejn. Fil-hin bdiet tippanikja meta ma ratx iktar lil misseriha u bdiet tghid '*fejn qieghed id-daddy*?' u x'hin imxiet 'l quddiem rat id-daddy ma l-art. Mistoqsija jekk semghetx xi *break* tghid li le. Meta kienu mixjin tghid li hija kienet vicin is-sigar u missierha iktar 'l barra minnha. Mistoqsija jekk hassitx ir-rih tal-karozza jew il-karozza tghid li ma tafx. Taf pero li l-vettura ratha mixja *gass down*. Tghid li ma tahsibx li l-karozza missietha. Mistoqsija x'kulur kellha l-karozza tghid li tahseb li kienet bajda.

**Michelle Debattista** mart l-vitma xehdet nhar is-27 ta' Lulju, 2016 u qalet li dakinhar fil-ghodu ghall-habta tas-6.15am it tifla kellha bzonn tmur it-toilet u marret tghid lir ragel taghha (il-vitma) u hadha hu sat-toilet. Tghid li l-latrina dak il-hin kienet ghadha maghluqa u taf li hadha in-naha l-ohra tat-triq. F' daqqa u l-hin semghet hoss qawwi

---

[9] Fol. 18 et seq
[10] Fol. 26
[11] Fol. 29

u semghet lit-tifla tghajjat u tghid '*Id-Daddy, Id-daddy*'. Qalet li wara xi hin semghet xi hoss iehor izda din id-darba l-hoss li semghet kien iktar ta' karozza.

**Joseph Busuttil** kugin tal-vitma jghid li ihobb imur *camping* fis-sajf u l-vitma thajjar jghamel lejl maghhom. Dakinhar tal-incident filghodu kien qed ighamel il-cafe u f'daqqa u l-hin semgha hafna ghajjat. Jghid li keinu xis- 5.45 a.m. Qal li it-tinda tal-vitma kienet hdejh. Mistoqsi jekk semghax xi habta jghid li ma sema xejn u li fil-fatt kien ftit 'l boghod minn fejn sehh l-accident. Sema pero tifla tghajjat u meta hareg u mexa ftit passi induna li kienet Rachel it-tifla tal-kugin u gharaf lil Andre ma l-art libes flok *orange.* Hemmhekk gi milqugh minn Vince Mintoff u ha it-tifla hdejn ommha li kient gja imqajma. Qal li ra it-tieni vettura diehla fil-vettura li tajret lil Andre. Qal li ma kellhx x'taqsam xejn mal-accident ta' Andre. Qalli fl-ebda hin ma sema l-impatt u lanqas *breaks* ma sema u lanqas *break marks* ma ra. Meta wasal hu fuq il-post kien hem gja tabib u kien hu li qallu li Andre kien mejjet. Ikkonferma li hadd ma mess il-vitma sakemm giet il-pulizija. Meta sehh l-incident jghid li kien fuq barra tal camper tieghu jnadfu waqt li Michelle kienet hdejn it-tinda taghhom fil-vicn ukoll fuq barra.

**Christian Borg** xehed fl-inkejsta u jghid li dakinhar tad-9 ta' Lulju, 2016 ghall-habta tas-5.45 a.m. kien ghadda ghalih l-habib tieghu Jonathon Hili. Spjega illi huwa jghix Hal-Ghaxaq waqt li Jonathon jghix l-Fgura. Kienu sejrin Ta' Pinu u wara jghumu ftit u jinzlu lura Malta ghal habta tas-1..00p.m / 2.00.pm. Qal li kien iltaqa' ma Jonathon f'Religous group u kienu johorgu flimkien. Jaf li Jonathon ma kienx ghaddej min peridjodu sabih hafna ghaliex kien ghadu kemm hassar minn mat-tfajla. Fil-fatt kien anke hadu ghand Psikjatra ghaliex kien baqa' iffissat fuqha.

Qal li dakinhar huwa kien daqxejn ghajjien u ma tantx tkellem pero Hili ghalih deher nromali ma dehrx ghajjien. Mistoqsi jekk kienx qed isuq hafna jghid li hu ma jsuqx pero kien qed isuq normali. Huwa hass li kien safe. Mistoqsi x'jiftakar mill-incident jghid:-

> *"Ifhem li niftakar illi ghaddej normali filli f'daqqa wahda jitfaccaw dawn iz-zewg (2) persuni quddiemna. Jigifieri hekk ma tantx tilhaq tahseb dak il-hin x'ser taghmel."*

Ikkonferma li dak il-hin kienu ghaddejjin fl-*inner lane* fejn il-karozzi l-ohra setghu jaqbzuhom. Huwa mmarka fejn kienu permezz ta' kaxxa bil-biro fuq il-pjanta markata dok RA1. Huwa kien fuq in-naha tal passigier.

Jerga jghid:_

*" F'daqqa wahda tfacca quddiemna dawn, ma nafux kif jigifieri"*

Mistoqisi kif tfaxxaw iwiegeb;

*'Ifhem bla ament ma nafx jek, li hu zgur u kien hemm xi sigar hemmhekk,"*

Jghid ukoll

*"Rajt ragel u mara u kienu mixjin ma genb xulxin."*

Mistoqsi min kien mixi fuq n-naha ta' barra jghid:

*"Minghalija r-ragel."*

Ikompli jghid:

*"Dan rajthom u mal-ewwel dahal go fih '*

u Mistoqsi mill-Qorti jekk Jonathon ipprovax jaghmel xi haga biex jevithom jghid:-

*" Iva, iva fil-fatt il-karozza spiccat fuq in-naha l-ohra. Spiccat fuq il-lane l-ohra."*

Il-Magistrat regghet staqsietu;

*" Vuoldire rajtuhom distanza qabel biex irnexxielu jaghmel xi haga?"*

Ix-xhud iwegeb:

*"Imma ftit, ma keinx hemm bizzejjed hin."*

Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk rax xi reazzjoni fuq Jonathon wara li rahom qabel id-daqqa jghid:

*"Le le ma niftakarx li qal xi haga".*

Mistoqsi jekk ghamilx xi haga biex ma jolqothomx jghid:

*"iva iva...hu gibed lejn in-naha l-ohra beix jevithom ghax kieku ma ghamilx hekk jaf kien jolqot it-tifla ukoll."*

Jghid iktar il-quddiem li;

*"it tifla kienet mas-sigar"*

waqt li jghid

*"l-iehor kien 'l barra mis-sigar".*

Jghid li ghagla ma kelhomx u lanqas kienu ftiehmu dwar liema vapur kienu ser jirkbu.

Jghid ukoll;

*" niftakar li nkisret il-hgiega ta' quddiem"*

L-prosekuzzjoni tistaqsi;

*"biex?"*

U x-xhud iwiegeb;

*" Bid-daqqa ux"*

U l-ufficcjal prosekutur jistaqsi;

*"bid-daqqqq ta' xhiex?"*

Ix-xhud iwegeb;" *tar-ragel ux"*

Il-Magistrat tistaqsi;

*" Vuoldiri l-karozza dahlet gor-ragel u bid-daqqa r-ragel tar mal-windscreen?"*

Ix-xhud iwiegeb;

*" Ma nafx imma ghax jiena imbaghad ma rajtux itir. Rat il-hgiega titfarrak biss".*

Il-Magistrat terga tisttaqsi ;

*" All right imma b'xi haga tfarket il- hgiega"*

Ix-xhud iwiegeb ;

" Bir-ragel tfarket".

Jikkonkludi u jghid li it-tifla zgur li ma intalqtitix. Dan jafu ghaliex mill-ewwel nizel u ra it-tifla tghajjat u tibki u ma dehritx migugha.

Mistoqsi mill-Magistrat;

*"Jigifieri fil-hin li intlaqat ir-ragel, it-tifla ma genbu kienet? Inti tista tikkonferma bil-gurament tieghek?"*

Ix-xhud iwiegeb;

*"ma genbu kienet"*

Il-Magistrat terga tistaqsi;

*" kif marret in-naha l-ohra il-vettura taghkom?"*

Ix-xhud iwiegeb;

*"Ghax hu dawwar ghan-naha l-ohra...biex jipprova jevithom... tant kemm konna vicin, kien impossibli li jolqot ir-ragel u ma jolqotx it-tifla. Jigifieri li kien baqa' sejjer dritt, probabilita kbira li kien jolqot lit-tifla ukoll"*

Mistoqsi fejn kienu qed jimxu jghid;

*" ezattt ezatt ma niftakarhiex"*

Spjega ix-xhud li;

*" il-bicca fejn jghaddu n-nies kienet dejqa hafna."*

***Mistoqsi mill-Qorti fejn kienu mexjin il-vitma u bintu jghid;***

*"Ifhem zgur li ma kienx hawn hekk (fejn pinga l-vettura taghhom). Jekk kienux hawn jew inkella aktar 'l gewwa mill-line bl-amment ma nafx imma nikkalkula"*

Mistoqsi mill-Qorti;

*" dan ir-ragel li gie quddiemek kienx 'l gewwa minn din il-linja jew 'l barra minn din il-linja?"*

Iwigeb;

*"Ma nafx. Dak il-hin ma tajtx kaz"*

Mistoqsi ;

*"ghaliex pinga 'l karozza 'angolata'*

*Jghid;*

*'li ma kienitx angolata hu pingiha hekk'*

Ix-xhud jikkonkludi u jghid li wara l-accident nizlu mill-karozza u Jonathon qallu biex icempel l-ambulanza izda kien gja cempel. Ikkonferma li ftit wara dahlet karozza fil-vettura ta' Jonathon izda din ma kellhiex x'taqsam mal-incident.

**Chris Borg** rega' xehed quddiem l-akkuzat l-Qorti ftit ta' zmien wara u qal li kien ilu jaf lill-akkuzat mis-sena 2015 ftit xhur qabel l-accident. Qal li hu ma jsuqx u ghalhekk jirkeb hu ma l-akkuzat. Dak in-nhar tal-accident rega kkonferma li l-akkuzat kien ghadda ghalih Hal- Ghaxaq ghall-habta tal-5.30 a.m. Jghid li x'hin waslu fil-bajja tal-Mellieha ra ragel u persuna ta' sess femminili u beda iwerzaq ghax rahom vicin tal-karozza fejn kien hu, u s-sewwieq dar biex jevithom u marru fuq il-fast lane. Waqfu u hareg mill-vettura u ra tfajla tibki u twerzaq u ra l-vitma ma l-art. Qal li meta ra lil dan ir-ragel mixi mat-tifla kienu fuq l-*inner lane* u mal-impatt mill-ewwel waqfu. Jaf li l-windscreen ixaqqet kollha. Qal li fejn sehh l-incident ma hemmx bankina.

L-**Ispettur Godwin Scerri** xehed fl-atti tal-inkjesta u esebixxa zewg ritratti mehuda minnu stess tal-post tal-incident nhar il-25 ta' Lulju, 2016 u dawn gew markati bhal dok GS1 u GS2. Qal li dok GS1 jindika bejn wiehed u iehor il-post fejn sehh l-incident u hemm indikazzjoni li minn meta ittihdu r-ritratti 'l quddiem setghu saru xi xoghlijiet fl-ekwati billi tqactu xi sigar. Qal li ukoll twahlu traffic lights wara l-accident u tnadfet l-area tat-triq mill-haxix zejjed li kien hemm hiereg min naha tax-xellug tat-triq direzzjoni tac-Cirkewwa.

**L-appellant Jonathon Hili** xehed fl-atti tal-inkjesta nhar is-27 ta' Lulju 2016 u rega xehed min jeddu u b'mod volontarja nhar l-24 ta' Jannar, 2019. Dan spjega li lejliet l-incident li kellu, kienet cemplitlu omm l-ex tfajla tieghu waqt li kien xoghol u qaltlu li Steph ok ghax hasbu li kellha cancer, ghalkemm gie mgharraf li kellha xi problemi medici ohra. Huwa irringrazzjaha ta' l-informazzjoni li tatu u ghalhekk cempel lil sihbu Christian Borg biex ighidlu din l-ahbar u talbu imur mieghu Ghawdex l-ghada biex jirringrazzja l-Madonna ta' Pinu. Fakru li kienu miftiehma biex jiltaqghu mal-hbieb wara nofs in-nhar l–Ghadira biex jghumu u qallu li kien bi hsiebu jitla' kmieni u ghalhekk ikunu lura fil-hin. Dak in-nhar jghid li kien raqad kmieni. Qal li kellu 22 sena u li kien ilu isuq tlett snin.

*negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju".*

Il-gurist **Francesco Carrara** jghid hekk dwar il-culpa,

> *"… il tripode sul quale siaside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."*[35]

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-noti tieghu, jghid hekk:

> *"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable"*[36].

U fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

> *"… kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".*

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tekwivali ghal "*un atto inconsiderato e rischioso*" maghmul b'"*leggerezza*" jew "sconsideratezza"[37] u kif jghid **Antolisei**, "*L'imprudenza e`propriamente*

[35] Carrara F., "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88.
[36] Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67.
[37] Dizionario Zingarelli, (2002) "Vocabalorio della Lingua Italiana", Nicola Zingarelli (Edizzjoni 12, Gunju 2001).

*l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui"*[38].

U kif insibu fin-**Novissimo Digesto Italiano;**

> *"Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positiva dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinato evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela."*[39]

Bl-istess mod, fissentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, fuq citata inghad illi:

> *"L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli"*.

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi;

> *"l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-Manzini: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto*[40]*"*.

Skond l-imsemmija sentenza,

> *"Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cjoe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni."*

---

[38] Antolisei F., "Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p. 366.

[39] Novissimo Digesto Italiano, Vol. III, p. 548.

[40] Il-Pulizija vs Saverina sive Rine Borg, fuq citata

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-High Way Code – Motor Vegicle Regulations, fost regoli ohrajn.

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-Professur Anthony Mamo jghid illi:

> *"The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do"* … *What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down."*[41]

Din hija wkoll il-posizzjoni adottata mill-Qrati taghna, kif jirrizulta car mis-sentenza moghitja mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Marzu 1996, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Grech,** fejn gie ritenut illi;

> *"ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik il-persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus paterfamilias, dik il-kondotta, cjoe`, illi fil-kaz konkret, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita` normali; kriterju dan li filwaqt li*

[41] Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71.

*jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih, fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret".*

Illi din il-Qorti diversament preseduta kellha okkazzjoni tistharreg dak li jikkostitwixxi l-element tal-*proper lookout* mehtieg minn kull sewwieq prudenti u diligenti, kif ukoll li tistharreg l-elementi ta' dritt li isawwru l-principju tal-kaz fortwit u dan f'sentenza imsemmija mid-difiza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri**[42]fejn inghad:

> *"Ibda biex ......, "driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment.*" (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud**[43]"

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li:-

> *"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian ."*

[42] Moghtija mill-Orti tal-|Appelli Kriminali nhar it-28 ta' Frar 2018
[43] Moghtija mill-Orti tal-|Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Gunju 1954 Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859

Gie ritenut[44] "in subiecta materia" illi l-"pedstrian" ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam, Jekk il-"pedestrian" ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-"driver" tal-car milli juza dak il-grad ta' "reasonable care" li tinhtieg. Dana kollu jinghid sakemm ma tkunx giet mill-"pedestrian" krejata lid-"driver", bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea 6imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva. F'sentenzi ohra umbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha, e.g. "meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi movement insolitu w inaspettat[45]" jew meta "pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq; jew li jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il-karozza[46]."

Il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta' pedestrian.

Il-Qorti kompliet: *"Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta t-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru s-segwenti kondizzjonijiet*

a) "*che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*

*b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;*

*c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente.*[47]"

---

44 Pulizija vs Anna Rita sive Anita Camilleri Deċiża nhar il-25 ta' Seettembru 2003 mill-Imħallef Joe Galea Debono

45 Il-Pulizija vs. J. Thornton Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920

46 App. Krim. Il-Pulizija vs. Cassar Desain Kollez. Vol. XLVI p.iv. p.765

47 Il-Pulizija vs Robert Brincat deciza fit-22 ta' Novembru 2007 – App.Inf

*….. ghandu johrog illi sabiex is-sewwieq ikun ezentat minn kwalunkwe responsabbilta ghall-investiment ta' persuna, irid ikun hemm prova cara ta'l-hekk imsejjha 'emergenza subitanea' li tinholoq mill-pedestrian meta jiddeciedi li jaqsam it-triq, emergenza li tpoggi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh. U allura hawn fejn jidhol il-grad tal-culpa tas-sewwieq ghal event dannuz u jekk allura jistax jigi ezentat mir-responsabbilta:"*

In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

*1. la volontarieta dell'atto;*
*2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*
*3. la possibilita di prevedere.*

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide **Il-Pulizija vs John Vella** [48])"

A bazi ta' din l-esposizzjoni legali u tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi, il-Qorti trid tara jekk dak li wassal ghall-incident de quo u cioe ghall-mewt ta' Andre Debattista kienx rizultat ta' *kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, u jekk din gietx segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju* tal-appellanti jew jekk mill-banda l-ohra kienx hemm in-nuqqas ta' hsieb tal-vitma meta iddecida li jimxi flimkien ma bintu fil-hinijiet bikrin ta' filghodu, meta kien ghadu qed jisbah, 'l barra mill-linja bajda li kien hemm max-xellug int u sejjer lejn l-Imtarfa fil-karreggjata ta' gewwa fejn proprju kien hemm hafna sigar sporguti 'l barra u b'hekk il-vizjoni tad-driver li jkun gej mid-direzzjoni tal-Mellieha tkun ostakolata.

[48] Moghtija mill-Orti tal-|Appelli Kriminali nhar il-15 ta' Dicembru 1958

Illi din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li kkonkludew l-esperti mahtura mill-Magistrat Inkwirenti dwar ir-responsabilita`ghall-incident *de quo* b'mod partikolari dak li qal l-Ingineer Jean Paul Azzopardi meta kkonkluda li l-akkuzat;

> *'naqas mill-obbligi li jadatta is-sewqan tieghu ghac-cirkostanzi u kundizzjoni tat-triq billi jaggusta l-posizjoni tieghu ghal wahda addata fuq karreggjata minhabba li kien hemm is-sigar li jinvadu mhux biss iz-zona mill-linja l-bajda 'l gewwa izda ukoll f'xi partijiet il-karreggjata innifisha.'*

Min naha l-ohra pero l-perit Richard Aquilina kkonkluda li l-incident sehh gara fil-posst fejn hemm is-sigar, li huma baxxi hafna, kienu jisporgu sew ghal fuq it-triq. F'dak il-post ma hemmx bankina izda hemm spazju ta' parkegg delinejat b'linj abajda .Qal li dawn il-frieghi kellhom frieghi fil-baxx tant li biex pesuna timxi jkollha tohrog 'l barra mill-linja l-bajda .

Qal ukoll li ma jirrizultax li Andrea Debattista kien waqaf ghal ftit u hares lura biex jesplora jekk setghax johrog l'barra mill-passagg tieghu li kie ostakolat bis-sigar.

Sabiex l-Qorti tara jekk dak li kkonkluda l-Ingineer Azopaardi hux korett u ghandux mis-sewwa hija sejra tagheml referenza ghal dak li jiddisponi l-Highway Code dwar x'ghandu jghamel sewwieq waqt is-sewqan tieghu. Jibda biex jinghad li skond il-Highway Code t-triq normalment tikkonsisti f'karreggata u bankina jew bankini (passaggi ghan-nies). Il-karreggjata hija mahsuba ghall-vetturi filwaqt li l-bankini huma mahsuba ghall-pedestrians. F'postijiet mhux abitati, flok bankini jkun hemm generalment linji bojod kontinwi fil-genb tat-triq, maghrufa bhala hard shoulder.[49] Filwaqt li f'Malta, it-traffiku ghandu jzomm fuq in-naha tax-xellug tat-triq[50]. Ghalhekk waqt is-sewqan, wiehed ghandu jzomm sew max-xellug, barra meta tkun trid taqla' jew iddur fuq il-lemin. Izzomx fin-nofs tat-triq [51]. Inzid li l-Highway code jkompli jghid li wiehed m'ghandux joqghod ibiddel minn moghdija ghal ohra. Sewwieq ghandu jtuza l-moghdija ta'gewwa (i.e. tan-naha tax-xellug), minbarra meta ikun qed jaqla' jew

[49] Highway Code Part 1 Intitolat It Triq artikolu 1
[50] Highway Code Parti VII Is-Sewwieq artikolu 91
[51] Highway Code Parti Waqt is-Sewqan art 157

idur lejn il-lemin. Ghandu jaghmel sinjal kmieni bizzejjed biex juri li se jbiddel il-moghdija wara li jkun cert li jista' jaghmel hekk minghajr periklu[52]. Ghalhekk l-fatt li l-appellant kien qed isuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq kien ifisser li kien qed jobdi r-regolamenti tat-traffiku.

Ghaldaqstant dak li stqar l-espert Ingineer Azzopardi u cioe li s-sewwieq appellant kellu jsuq lejn in-nofs tat-triq minhabba is-sigar kien zbaljat u dan ghaliex ma hux minnu li huwa setgha jipprevedi li minn hdejn is-sigar kien ser ikun hemm ragel li kien ser johrog'l barra mill-linja 'l bajda. Illi jidher li l-ewwel Qorti rabtet il-gudizzju taghha ma din il-konkluzjoni ta' dan l-espert meta qalet " *Illi dak il-hin ta' l-incident, it-triq fejn sar is-sinistru kienet vojta u allura ma kien hemm xejn li jirristringi lill-imputat sabiex isuq fuq il-karregiata l-ohra u jevita s-sinsitru, stante li kif xehed hu stress meta mistoqsi jekk kienx hemm taffiku, qal le ma kienx hemm.'*

Illi l-ewwel Qorti kkonkludiet fis-sentenza taghha [53] li l-appellant ma zammx *a proper look out* u dan ghaliex l-appellant stqarr ex admisses viva voce l-Qorti li *'l-vitma ma rajtux imma nassumi..kien mixi fuq in-naha ta' gewwa fejn il-haxix, nassumi.....ghax jien bqajt miexi fid-dritt filli tkun miexi dritt u f'daqqa wahda tolqot xi haga nahseb jiena.'*[54] Pero meta xehed fl-atti tal-inkjesta u ghalhekk ftit wara li sehh l-akkadut jghid li *' kien hemm dawra zghira u t-tifla tieghu. Bqajt insuq normali, bl-istess speed kien hemm sigra taghti naqra 'l barra, jigifieri s-sigra kienet goffa naqra mhux hazin. It-tifla harget minn tahta u sinjur Alla jahfirli harigli f'daqqa.Dak il-hin kienu darhom lejja..ma nahsibx li kont vicin taghhom hafna ghax rajthom mill-boghod..kienu mixjin gol-linja l-bajda,,ifhem kont qed narhom, nahseb kienu waslu kwazi vicin lejn is-sigra.'* L-vitma u bintu kienu mixjin darhom lejn l-appelalnt meta il-Highway code jipprovdi li;-

> *15.Fuq bankina jew passagg, timxix fit-tarf u b'dahreklejn it-traffiku. Tinzilx fit-triq qabel ma tizgura ruhek illitista' taghmel dan bla periklu.*
>
> *16. Pedestrians ghandhom jevitaw li jimxu f'toroq arterjali jekk ma jkunx hemm passaggi ghall-mixi jew hardshoulder.*

---

[52] Highway Code Parti Dixxiplina fil-Mog[dija u Sinjali tal-Karreggata art 168
[53] Fol. 140
[54] Fol. 30

*17. Fejn ma jkunx hemm passa;;i jew bankini, jew fejn dawn ma jkunux bi]]ejjed, imxi fuq il-lemin tat-triq faccata tat-traffiku*[55].

Huwa necessarju li din l-Qorti tispjega dak li ghandu jinftiehem bil-frazi *'proper look out'* u dan ghaliex l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-appellant. Illi huwa principju ben stabbiliet ukoll li sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm 'l hekk imsejjah *"proper look out."* Gie ritenut li hu dover ta' driver *to see what is in plain view*[56]… u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm *a proper lookout*[57]…*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*[58]

Illi l-istess Qorti ta'l-Appell Kriminali rriteniet ukoll li … biex nuqqas ta' *proper look out* iwassal ghal responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kienitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet.[59]

Illi minkejja li l-ewwel Qorti stqaret li l-appellant naqas li jesercita proper look out ghaliex m akienx 'aware of his surroundings'. Jingahd li minn dak li rat din il-qorti l-appellant kien qed isuq b'mod prudenti u kien qed izomm man naha tax-xellug tat-triq kif del resto kien obbligat li jghamel. Jaf li kienhemm is-sigar fuq ix-xelkug tieghu pero qatt ma basar li ragel kien ser johroglu minn gos-sigar u jissorprendih. Dan makienx kaz fejn l-appelalnt kien qed isuq b'mod eccesiv u baqa' diehel f'persuna li kient qeda taqsam b'mod legitimu u vizibli izda dan kien kaz fejn l-vitma qabad u ghall gharrieda qabad u iddecida li jaqsam minkejja li iktar 'l fuq kie nhemm zera crossing.

Jirrizulta bic-car li is-sigar kienu ta' perikolu kbir u dan ghaliex jumejn wara li sehh dan l-akkadut dawn is-sigar kellhom sabra sew kif jirrizulta mir-ritratti sebiti fl-atti.

---

[55] Highway Code Parti II il-'PEDESTRIAN'

[56] Il-Pulizija vs. Joseph Vella Appell Kriminali deciz 10 ta' Awwissu, 1963

[57] Il-Pulizija vs. J. M.Laferla Appell Kriminali deciz 17 ta' Gunju, 1961

[58] Pulizija vs Roderick Debattista Appell Kriminali deciz 26 ta' Meju,.2004. vide **Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd**." [1968

[59] Pulizija vs Joseph Grech deciza 6 ta' Gunju, 2003.

Il-eprit Richard Aquilina ukoll jikkonkludi fir-relazzjoni tieghu li lanqas ma jirrizulta li Andrea Debattista li kien mixi daru lejn is-sewwieq f'xi hin waqaf u hares lura biex jara jekk kienux gejjin karozzi fil-karreggjata qabel ma sporga 'l barra u dan minkejja li mieghu kellu t-tifla minuri Rachel. Tant hu post ta' perikolu fejn sehh l-incident li anke is-surgent li mar jinvestiga il-kaz stqarr li kienu ilhom jistennew li kien ser isir accident. Mhuc hekk talli anke dak il-hin stess sehh accident iehor fl-sitss vettura li tajret il-vitma. Mhux tali hekk izda juejn wara gew installati ukoll pelican lights hdejn iz-zebra crossing. Dan hu kollu indikattiv li l-post fejn l-vitma ghazel li jimxi kien qiehed ta' perikolu kbir.

lli fir-rizoluzzjoni ta' responsabbilta' naxxenti minn incidenti awtomobilistici, ghandu dejjem jigi ezaminat x' kienet il-kawza prossima tas-sinistru[60] u sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall-kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm nexus fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni.[61]

Illi jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-akkuzat ma kienx qed isuq bi speed eccessiv u fil-fatt l-Ingineer ikkonkluda li kellu velocita ta' madwar 57 km/fs u 65 km/fs u l-istess espert jghid li ghal dawk l-ekwati huma ragonevoli. Christian Borg li kien passigier mal-appellant jikkonferma li l-appellant ma kienx qed isuq b'sahtu u li ghalih s-ssewqan kien wiehed normali. L-appellant ukoll kkonferma fix-xhieda tieghu li ma kienx qed isuq jghaggel u li qatt ma jsuq aktar minn 70km/fs. Kienet biss it-tifla minuri Rachel li qalet li l-appellant ghadda minn ma genbha u ma gemb missierha *gass down*. Pero tali xhieda ma hiex korrobroata bl-ebda evidenza ohra.

Jirrizulta mix-xhieda li ta' l-istess akkuzat l-Qorti jidher li huwa kien ra lil-vitma u t-tifla meta kien xi 20 metru 'l boghod minnhom u ghalhekk f'dak il-hin meta rahom l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-appellant messu rrallenta u qaghad iktar attent ghal dak li kien ghaddej madwaru. Pero din il-Qorti tispjega li l-appellant kien ghaddej fi triq principali fis-sighat bikrin ta' filghodu fejn ma kienx hemm traffiku. Jidher li dan kien ghaddej ghal affari tieghu u ghagla ma kellux.Din il-Qorti ma taqbilx ma l-ewwel Qorti li l-appellant seta jippreveda li kien hemm il-possibilita li dawn iz-zewg min nies

[60] Appell Kriminali Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti (Kollez.Vol.XXXVII, iv. p.1217
[61] Appell.Kriminali Il-Pulizija v. Nazzareno Micallef deciz 3 ta' Dicembru, 1960.

jigbdu 'l barra stante li fit-triq kien hemm sigra li kienet qed tostakola it-triq taghhom. Il-buon sens kien li l-vitma jieqaf meta gie ma genb is-sigra jhares lura jara jekk kienx hemm karozzi gejjin fuq k-karreggjata fejn kien u jekk it-triq kieent vojta jaqsam. Dan pero ma ghamlux. Jew addirittura kellu jimxi aktar 'l fuq sa fejn it-triq titwessa u kien hemm anke zebra crossings u jsitenna li t-triq tkun vojta biex bhekk jaqsam fil-liberta tieghu u mhux jiehu short cuts biex jirritorna lura lejn il-camp tieghu.

Gie ukoll ritenut li :

> "*Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment.*[62]"

Jidher pero li l-ligi tesigi li pedestrians fit triq ukoll ghandhom certu obbligi li ghandhom isegwu. Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih , dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian .[63]"

> "*Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u*

[62] App. Krim. "Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud" [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859
[63] App. Krim. "Il-Pulizija vs. Alfred Caruana" [14.5.1955]; Kollez. Vol. XXXIX, p.iv p.1031

*ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikurezza.*[64]"

Gie ukoll ritenut li;

"G*halkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam..*" "*Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' 'reasonable care' li tinhtieg. Dana kollu jinghad dejjem sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva.*[65]" F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-*emergenza subitanea* tavverra ruha ; eg. "*meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat*" [66] *jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza* [67]."

Huwa minnu li jdher li l-akkzuat gie rinfaccjat bil-vitma fuq il-windskrin tieghu fid-daqqa u l-hin meta is-sur Debattista qabad u qasam triq principali proprju meta kien wasal vicin is-sigar li kienu sporguti 'l barra. Jidher li d-daqqa saret min naha tax-xellu fi-parti ta' isfel fil-mudguard la genba u ghalhekk dan ifisser li kien l-vitma li dahal fil-vettura la d-daqqa hi la genba. L-prosekuzzjoni stqarret fit-trattazzjoni taghha li

[64] App. Krim. "Il-Pulizija vs. George Muscat" [6.5.1961] Kollez. Vol. XLV p.iv. 947
[65] App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Formosa" Kollez. XLIII, p.iv. p.1023)
[66] App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Thornton" Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920
[67] App. Krim. "Il-Pulizija vs. Cassar Desain" Kolloz. Vo. XLVI . p.iv. p.765

kieku l-appellant uza d-diligenza ta' *pater bonus familias* u naqqas is-sewqan tieghu seta evita l-incident. Pero din il-Qorti tghid li l-ispeed li kellu l-appelalnt zgur li ma kienx l-kagun tal-incident tant li l-espert jghid li kien qed isuq velocita accettabli ghal dawk l-ekwati. Il-prosekuzzjoni tagheml refferenza ghal ak li intqal fis-sentenza u cioe li l-appellant messu gibed 'l barra lejn l-outer lane sabiex jevita l-incident'. Jinghad b'referenza ghal dak li stqarr l-appellant u konfermat mix-xhud okulari Christian Birg li kien prezenti fuq il-psot tal-incident u mill-espert Ingineer Azzopardi nomiant mill-Qorti li meta inaspettattivament l-appellant ra lil Debattista dan qabad u kiser lejn il-lemin tieghu biex jipprova jevitah. Ghalhekk jidher li din il-manuvra li ghamel l-appellant hi indikattiva li fil-fatt l-appellant kellu proper look out u ghamel hiltu kollha biex jevita l-incident. Mhux hekk biss izda jghid li kieku baqa' ghaddej fil-karregjata tieghu kif del resto kellu dritt jghamel u ma ghamilx l-manuvra li ghamel u cioe li gibed lejn il-lemin tieghu lejn ic-central strip ' -barra kien jolqot ukoll it-tifla li kienet fil-kumpanija ta' missierha, il-vitma.

L-appellant jghid li *"f'daqqa wahda ragel harigli dak il-hin, lili hasadni jien hadt qatgha u dawwart nigri l-isterring kemm kelli sahha il-karozza ergajt nipprova ingibha fis-slow lane, ghax spicccjat fuq il-fast lane jiena"* Ghalhekk dan hu indikattiv li fil-fatt l-appellant ha mizura evasiva biex jevita l-incident. Wiehed ma jistax jinsa li fil-fatt l-appellant ma kienx *over speeding* izda kien qed isuq fil-karreggjata tieghu b'mod regolari skond il-ligi fuq in-naha tax-xellug inti thares lejn l-Mtarfa bil-Mellieha warajk. Din ix-xhieda tal-appellant kif indikata supra ma tistax tittihed in isolation izda flimkien ma dak li kien qal qabel u cioe meta kien rahom l-ewwel darba. Fil-fatt jghid hekk:-

Prosekuzzjoni: *Fil-bidu jigifieri kienu mixjin hemmhekk*?

Xhud: *Le mhux hekk kienu mixjin 'l hawn hekk ghax 'l fuq kienu mixjin.*
Prosekuzzjoni: *Kienu mixjin direzzjoni hekk jigifieri? Ghalfejn ghamilt il-vlegga.*
Xhud: *Biex nghidlek il-posizjoni.*
Prosekluzzjoni: *Huma kienu hawn jigifieri. Fejn il-ponta tal- vlegga*?
Xhud: *Kienu mixjin ma din il-linja imma.*
Qorti: *Direzzjoni Cirkewwa*
Xhud: *Darhom lejja.*

Prosekluzzjoni: *Meta rajthom l-ewwel darba*

Prosekuzzjoni: *Ok*

Qorti: *Vuuoldire huma kienu mixjin mill-linja l-bajda lejn il-haxix.*

Xhud: *Ehe*

Qorti:*Ma kienux qed jaqbzu l-linja bajda?*

Xhud: *le le*

Qorti: *Id-direzzjoni tal-haxix. U id-direzzjoni 'l fuq direzzjoni lejn ic-Cirkewwa*

Xhud: *Ehe*

Proskeuzzjoni: *Issa meta rajthom kif ghadek kif spejgajtilna hemmhekk, xi kemm kont il-boghod,minnhom*?

Xhud: *Ifhem kont qed narhom, nahseb kwazi kienu waslu vicin lejn is-sigra.*

Prosekuzzjoni: *Ma fhimtux*

Xhud: *Huma kienu waslu kwazi hdejn is-sigra.*

Qorti: *Kemm kont il-boghod?*

Prosekuzzjoni: *Ifhem il-mistoqsija inti, meta lil dawn rajthom l-ewwel darba rajt ir-ragel jew il-mara?*

Xhud: *It-tifla sir, lit-tifla*

Prosekuzzjoni: *Dak il-hin fejn kont? Kemm kont distanza minnhom meta rajthom l-ewwel darba?*

Qorti: *Kemm metri kont il-boghod minnhom?*

Xhud: *Ma nafx*

Prosekuzzjoni: *Mhux ha tghidli ezatt metri, imma approxiamte distance.*

Avukat: *Tul ta' tant karozzi*

Prosekuzzjoni: *Tul ta' tant karozzi per esempju.*

Xhud: *Average u mhux cert minnu ma nistax nghidlek ezatti kemm. Qisu tul ta' zewg karozzi tal-linja.*

Prosekuzzjoni: *Tul ta' zewg karozzi tal-linja?*

Xhud: *Ehe*

Avukat: *Karozza tal linja fiha 10 metri.*

Prosekuzzjoni: *Jigifieri qed tghid xi ghoxrin metru?*

Xhud: *Ghoxrin metru kemm jigu?*

Qorti: *Tul ta' zewg karozzi tal-linja? Li hawn bhalissa l-Arriva biex niftiehmu. Il-kbar jigifieri mhux l-antiki.*

Ghalhekk tali xhieda tindika li l-akkuzat ra lil vitma xi ghoxrin metru qabel ma sehh l-impatt meta effettivament kien wasal hdejn is-sigra. Fl-ebda hin hin pero ma jghid li rahom jharsu lura kif del rsto kellhom jghamlu una volta kienu ser johorgu 'l barra fi triq prinicpali minhabba is-sigra. Zgur li l-vitma kellu obbligu li qabel ma jipprova jaqsam ihares lura biex jara x'vetturi kienu gejjin. Jekk il-vizwali tieghu ma kienitx cara minhabba is-sigra huwa kellu iktar u iktar joqghod attent ghal dak li kien ghadej madwaru.

Jidher ukoll li l-vitma ma hax il-prekawzjoni li jimxi 'l gewwa mill-linja l-bajda f'kul hin u jekk ma setax jghaddi minhabba is-sigar kellu ihares lejn il-lemin tieghu u jerga jhares lejn ix-xellug tieghu qabel ma jinvadi it-triq principali u jibqa miexi dritt. It-tifla li kienet mixja mieghu fl-ebda hin ma tghid li missierha ha xi prekawzjoni waqt li kienu fit-triq. Tghid biss li kienu mixjin wara xulxin 'in a file' ghalkemm l-akkuzat u sihbu jghidu li kienu ma genb xulxin. Jaghmel iktar sens fic-cirkostanzi odjerni il-versjoni moghtija mill-akkuzat u sihbu Christian Borg li ighidu li l-vitma Debattista u bintu kienu ma genb xulxin u r-ragel fuq il-parti ta' barra tat-triq waqt ki t-tifla kienet taht is-sigra u dan in vista ta' dak li ighid l-appellant li kieku ma kienx hekk l-akkuzat kien wisq probabli itajjar anke it-tifla.

Kif tajjeb osserva l-avukat difensur tal-apellant sabiex tigi konfermata il-htija li sabet l-ewwel Qorti hu mehtieg li l-elementi tal-culpa jistriehu fuq l-volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att, u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuz. Huwa biss meta l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix, u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hijiex inkriminabbli, illi l-gudikabbli jista' jigi ezenti mill-htija.

Illi sabiex sewwieq ikun ezentat minn kwalunkwe responsabbilta ghall-investiment ta' persuna, irid ikun hemm prova cara ta'l-hekk imsejjha 'emergenza subitanea' li tinholoq mill-pedestrian meta jiddeciedi li jaqsam it-triq, emergenza li tpoggi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh.

Din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta ghaddiet biex telenka liema huma dawkis-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta' pedestrian meta inghad hekk:

"Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet

a) "*che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza,*

*sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e*

*di osservarne tempestivamente i movimenti;*

*b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo*

*convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;*

*c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune*

*prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente.*"3"

Illi ghalhekk l-appellant ma kellux jinstab hati ta' l-ewwel akkuza.

Dwar it-tieni akkuza u cioe li l-appellant saq b'mod perikolu, bla kont u traskurat l-ewwel Qorti sabitu hati taghhom. Fir-rigward ta' sewqan perikolu jinghad fis-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet **il-Pulizija vs Alfred Mifsud**[68] li dan jammonta ghal [dangerous driving] l*i jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is- sewqan ikun ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz."* (vide Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain[69]*)."*

[68] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-6 ta' Mejju 1997
[69] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Mejju, 1950

Fl-istess sentenza appena citata **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**[70], iddefiniet bl-aktar mod semplici u ezawrenti l-import tat-terminu 'sewqan traskurat' komunement maghruf bl-ingliz bhala '*negligent driving*'. Dik il-Qorti sostniet li dan jammonta ghall-kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad- disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.

L-Imhallef Flores fis-sentenza fl- ismijiet **Il-Pulizija vs John Mamo**,[71] ukoll ta' definizzjoni ta' sewqan traskurat. Huwa sostna li:

> "*Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissuggerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l- prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn.*"

Issa, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tanya Sacco**[72] l-Qorti qalet li anke jekk persuna ghandha d-dritta xorta wahda ghandha zzomm *a proper look out* ghal kull incident li jista' jkun immedjatament prevedibbli biex dan jigi evitat.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Renald Vella1** [73]jinghad:

> "*Issa, fil-fehma ta' din il-Qorti, sewqan negligenti jfisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.*" [vide **Il-Pulizija vs Antoine Spiteri**[74]].

Illi fil-kwadru tal-provi prodotti u riprodotti aktar 'l fuq ma jirrizultax li dan kien is-sewqan tal-akkzuat u cioe li f'xi hin iddepartixxa minn livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq prudenti u ragonevoli.

[70] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-6 ta' Mejju 1997
[71] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 1971
[72] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-27 ta' Novembru 1986
[73] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fid-19 ta' Mejju, 2014
[74] Kol. Vol. XLIV/892

Fir-rigward tat-tielet tip ta' sewqan li bih gie akkzuat l-appellant u cioe' sewqan bla kont jinghad dejjem fl-istess sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Alfred Mifsud** [75]li sewqan bla kont [reckless driving] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'. Lanqas ma jidher li dan kien il-kaz in desamina jew almenu zgur li l-proskeuzzjoni ma irnexxiliex tipprova li s-sewqan tal-appellant lahaq dan il-grad ta' sewqan.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-gudizzju milhuq mill-ewwel Qorti ma kienx wiehed safe u satisfactory u ghalhekk din il-Qorti qeda tirrevoka is-sentenza appellata fir-rigward tal-mertu u konsegwentement anke fir-rigward tal-piena imposta billi qed tiddikjara li ma hix qed issib lill-appelant hati tal-akkuzi kif dedotti u tillibereah minn kull imputazzjoni u piena.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Onorevoli Mintstru tat-Trasport sabiex jiehu hsieb li jaghti ordni sabiex din it-triq tant poplari tinzamm fi stat tajjeb billi issir zabra tal-haxix u sigar kul tant zmien specjalment meta dawn jisporgu l-barra ghall-kareggjati u dan bil-ghan li jigu evitati incidenti fatali ohra.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[75] Op cit